MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 688/2009

**Dr Michelle Tabone (karta ta' l-identita` numru 138371(M) fil-kwalita` ta` ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi**
**Djocesani kollha ta' Malta, fosthom Media Centre**

**vs**

**Paul Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il Euro u tmienja u disghin centezmu (€219.98) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal- attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal- attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il Euro u tmienja u disghin centezmu (€219.98), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------